

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/932****tat-8 ta' Mejju 2023**

**li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva piridalil**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 17, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (²) tistabbilixxi s-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (2) Il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva piridalil ġie estiż mit-30 ta' Ġunju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025 bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2007 (³), sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tar-responsabbiltajiet u tal-ħidma fost l-Istati Membri li jaġixxu bħala Stati Membri relaturi u korelaturi, filwaqt li jitqies wkoll ir-riżorsi meħtieġa għall-valutazzjoni tat-tiġid u għat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- (3) L-ebda applikazzjoni għat-tiġid tal-approvazzjoni ta' din is-sustanza attiva ma ġiet sottomessa f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 (⁴).
- (4) L-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva piridalil prevista mir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2020/2007 ma għadhiex ġustifikata. Għalhekk jixraq li jiġi previst li l-approvazzjoni ta' din is-sustanza tiskadi fid-data li kieku kienet tiskadi mingħajr l-estensjoni.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

(¹) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fdak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

(³) Ir-Regolament ta' implementazzjoni tal-kummissjoni (UE) 2020/2007 tat-8 ta' Dicemberu 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fdak li għandu x'jaqsam mal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-dekanol, 1,4-dimetylnaftalina, 6-benziladenina, aċekinoċi, Adoxophyes orana granulovirus, sulfat tal-aluminju, amisulbrom, Aureobasidium pullulans (ir-razza DSM 14940 u DSM 14941), ażadiraktin, Bacillus pumilus QST 2808, benaksil-M, bifaxen, bupirimat, ir-razza O tal-Candida oleophila, klorantraniliprol, fosfonat tad-disodju, ditijan, dodina, emamektin, flubendiammid, fluwometuron, flukṣapirossad, flutriafol, eżiżiż-żiġi, imazamox, ipkonażol, isossaben, aċiċu L-assorbiku, kubrit tal-ġir, jejt tal-larinġ, ir-razza FE9901 tal-Paecilomyces fumosoroseus, pendimethalin, penflufen, pentijopiram, fosfonati tal-potassju, prosulfuron, Pseudomonas sp. ir-razza DSMZ 13134, piridalil, pirjofenon, pirossulam, kinimerak, aċiċu S-abxissiku, sedaxane, sintofen, tijosulfat tal-fidda u s-sodju, spinetoram, spirotetramat, Streptomyces lydicus tar-razza WYEC 108, tau-fluvalinat, tebufenożur, tembotrion, tijenkarbażon, valifenalat, fosfidu taż-żingu (ĠU L 414, 9.12.2020, p. 10).

(⁴) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 tal-20 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni tal-proċedura ta' tiġid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 20).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 540/2011, fis-sitt kolonna "Skadenza tal-approvazzjoni" tal-entrata 64, piridalil, id-data hija sostitwita bid-data "30 ta' Ġunju 2024".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*